**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa, 8 ta’ April, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 1245/2021**

***HSBC BANK MALTA P.L.C.***

***VS.***

***AV. CEDRIC MIFSUD U P.L. VERONICA ROSSIGNAUD NOMINATI B’DIGRIET TAT-12 TA’ MEJJU 2014 SABIEX JIRRAPREŻENTAW LILL-ASSENTI VASILY YAKOVCHENKO U MARINA YAKOVCHENKO***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha ta’ HSBC Bank Malta p.l.c.;

***Daħla***

2. B’rikors maħluf imressaq fis-**17 ta’ Diċembru, 2021**, il-bank rikorrenti fisser li huwa sellef ammont ta’ flus lil Vasily u Marina Yakovchenko b’kuntratt tal-21 ta’ Mejju, 2009. Il-bank rikorrenti jgħid li l-konvenuti ma żammux mal-programm tal-ħlasijiet biex jaqtgħu dan is-self. Jippreċiża illi l-konvenuti għandhom jħallsu s-somma ta’ €718,479.19 maqsuma hekk: (i) €448,850.13 bħala bilanċ mill-ammont misluf lilhom; u (ii) €269,629.06 bħala mgħax li laħaq inġema’ sat-8 ta’ Awwissu, 2021. Barra minn dan l-ammont, il-bank rikorrenti jgħid li jrid ukoll li jiġbor

mingħandhom l-imgħax legali mid-9 ta' Awwissu, 2021 sad-data tal-ħlas kollu tad-dejn;

3. Minkejja li l-konvenuti ġew mitluba jħallsu dan id-dejn tagħhom, anke permezz ta' ittri uffiċjali datati 14 ta' Frar, 2014 u 8 ta' Lulju, 2015, dawn baqgħu ma ħallsux. Minħabba f'hekk, il-bank rikorrenti fetaħ din il-kawża u talab lil din il-qorti:

> *«1. Tiddikjara illi l-konvenuti Vasily Yakovchenko (Passaport Russu Nru RUS710169304) u Marina Yakovchenko (Karta tal-Identità Nru 50424A) m'onorawx il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekadew mill-benefiċċju taż-żmien skont il-kundizzjonijiet tas-sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv u għaldaqstant is-somma kollha mid-dejn li għadha ma tħallsitx lura lill-Bank esponenti saret restitwibbli minnufih;*
>
> *2. Tiddikjara konsegwentement li l-konvenuti Vasily Yakovchenko (Passaport Russu Nru RUS71069304) u Marina Yakovchenko (Karta tal-Identità Nru 50424A) huma debituri tal-Bank attur, fis-somma intiera dovuta fuq il-kont bin-numru 16113490 kif fuq spjegat, bl-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq il-bilanċ addebitu skont il-kont fuq imsemmi mid-9 ta' Awwissu, 2021 sad-data tal-pagament effettiv;*
>
> *3. Tawtorizza lill-bank attur sabiex jgħaddi għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kreditu, bl-imgħaxijiet legali mid-9 ta' Awwissu 2021, li jirriżulta ċert u likwidu mill-kuntratt tal-21 ta' Mejju 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Buttigieg, u dovut wara li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-konvenuti ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu.*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk taż-żewġ ittri uffiċjali datati 14 ta' Frar 2014 (Ittra Nru 452/14) u 8 ta' Lulju 2015 (2443/15) rispettivament, u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.»*

4. Il-kuraturi deputati maħtura biex jirrappreżentaw lil Vasily u Marina Yakovchenko wieġbu fit-**<u>8 ta' Frar, 2022</u>** u qalu hekk:

> *«Illi l-kuraturi ġew notifikati bl-atti tal-kawża hawn fuq ċitati nhar il-25 ta' Jannar 2022;*

*Illi sar tentattiv sabiex jikkuntattjaw lill-assenti, billi ntbagħtet kopja tal-atti tal-kawża permezz tal-posta reġistrata fl-indirizzi provduti mis-soċjetà attriċi hekk kif indikat permezz tal-korrispondenza elettronika annessa u mmarkata Dok A;*

*Illi però sal-lum dan it-tentattiv għad ma kellux eżitu pożittiv, u għalhekk m'humiex edotti mill-fatti tal-każ;*

*Illi l-atti kif notifikati lill-kuraturi ma kinux tradotti għal-lingwa Ingliża għalhekk il-kuraturi provdew ittra li fiha ġie spjegat il-kontenut tas-segwenti atti;*

*Għaldaqstant, f'każ li jirnexxilhom jagħmlu kuntatt mal-assenti, jirriservaw li bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti jippreżentaw eċċezzjonijiet fi stadju ulterjuri, u f'każ li jiġu edotti mill-fatti, risposta motivata, flimkien ma' lista ta' xhieda u dokumenti jekk ikun il-każ;*

*Salv risposta ulterjuri»*

5. Wara din it-tweġiba, il-kuraturi deputati ma ressqu l-ebda tweġiba oħra;

6. Inġabru l-provi kollha u bi qbil bejn il-partijiet waqt is-seduta tal-5 ta' April, 2022, din il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

***Fatti***

7. B'kuntratt tal-21 ta' Mejju, 2009, Vasily u Marina Yakovchenko ssellfu mingħand il-bank rikorrenti s-somma ta' €500,000 biex ikunu jistgħu jlestu d-dar ta' residenza tagħhom (ara paġni 5 sa 9 tal-atti tal-kawża). Skont dan il-kuntratt, is-self kien wieħed ta' sura fissa u kellu jintradd lura lill-bank rikorrenti skont programm ta' ħlasijiet maqbul bejn il-partijiet. Madankollu, il-bank rikorrenti żamm il-jedd tiegħu li jitlob il-ħlas f'daqqa tal-ammont kollu tas-self permezz ta' ittra uffiċjali, jekk kemm-il darba tiġri waħda mill-*events of default*, li hemm imniżżla fil-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self, liema kundizzjonijiet ġew mehmuża mal-kuntratt (ara paġni 14 u 15 tal-atti);

8. Skont il-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self, il-konvenuti Yakovchenko kellhom jaqtgħu s-self billi jwettqu 348 pagament ta’ €2,338.70 kull xahar. Dan l-ammont kien jinkludi l-imgħax bir-rata ta’ 3.625% fis-sena (ara paġni 10 sa 15 tal-atti);

9. B’ittri uffiċjali datati 14 ta’ Frar, 2014 u 8 ta’ Lulju, 2015 (ara paġni 17 sa 20 tal-atti), il-bank rikorrenti għarraf lill-konvenuti Yakovchenko li huma kienu waqgħu lura fil-ħlas tal-pagamenti skont il-kuntratt u għalhekk widdibhom biex iħallsu dak li għandhom jagħtu;

10. Skont rendikont maħluf mir-rappreżentanta tal-bank rikorrenti (ara paġni 26 u 29 tal-atti), jirriżulta li l-konvenuti Yakovchenko kienu regolari fil-ħlasijiet ta’ kull xahar bejn Ġunju tas-sena 2009 u Mejju tas-sena 2013. L-aħħar pagament li sar minnhom kien fl-10 ta’ Mejju, 2013 u minn hemmhekk ‘il quddiem huma waqfu għalkollox milli jwettqu ħlasijiet;

***Konsiderazzjonijiet***

11. Il-kawża li għandha quddiemha din il-qorti hija maħsuba biex il-konvenuti jiġu ddikjarati u kkundannati li għandhom iroddu lura l-ammont kollu li baqgħalhom iħallsu mis-self mogħti lilhom b’kuntratt tal-21 ta’ Mejju, 2009 u dan għaliex huma kisru l-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self;

12. L-**<u>ewwel talba</u>** tal-bank rikorrenti hija biex jiġi ddikjarat li l-konvenuti Yakovchenko tilfu l-benefiċċju taż-żmien għaliex huma naqsu milli jħallsu l-pagamenti fix-xahar skont kif maqbul bejn il-partijiet;

13. Jissokta jingħad, li kif joħroġ mill-**artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili**, is-self huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta’ ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta’ min jissellef, li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-

istess xorta u kwalità (ara ***Paul Cremona et v. Dr. Antoine Gambin et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar, 2001);

14. Meta bħal f'dan il-każ, l-oġġett misluf ikun dak ta' flus, l-**artikolu 1844 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid li l-persuna li tirċievi l-flus misselfa għandha trodd lura l-istess ammont ta' flus li tkun irċeviet skont il-valur legali tagħhom fiż-żmien tal-ħlas (ara ***Karmenu Mifsud v. Mariano D'Amato*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2006). Il-liġi tgħid ukoll fl-**artikolu 1850(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li l-partijiet f'kuntratt ta' self jistgħu jaqblu li għandhom jitħallsu l-imgħaxijiet fuq l-ammont misluf;

15. Kif ingħad f'għadd ġmielu ta' sentenzi marbuta ma' radd lura ta' flus mogħtija permezz ta' faċilitajiet bankarji, il-partijiet jistgħu jaqblu bejniethom li bit-tħaddim tal-**artikolu 1070(1) tal-Kodiċi Ċivili**, l-obbligazzjoni tar-radd lura tal-flus mislufa tiġi mwettqa billi jingħata żmien fiss. Dan iż-żmien mogħti ma jissospendix l-obbligazzjoni, imma skont l-**artikolu 1071 tal-Kodiċi Ċivili** jdewwem biss l-eżekuzzjoni tagħha, u sakemm ikun għaddej dak iż-żmien il-ħaġa li jmissha tingħata skont l-**artikolu 1072 tal-Kodiċi Ċivili** ma tistax tintalab qabel jagħlaq dak iż-żmien. Dan il-kunċett, li huwa magħruf bħala l-benefiċċju taż-żmien, huwa skont l-**artikolu 1073 tal-Kodiċi Ċivili** mogħti favur id-debitur tal-istess obbligazzjoni (ara *inter alia* ***Bank of Valletta plc v. Cefai Estates Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Marzu, 2018, ***Banif Bank (Malta) plc v. Nutar Anthony Cachia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju, 2016 u ***Bank of Valletta plc v. Angela Mizzi et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju, 2007);

16. Il-benefiċċju taż-żmien jista' jingħata suġġett għall-kundizzjonijiet li, hekk kif tiġri mqar waħda minnhom, dan iġib it-telfien tiegħu. Il-liġi taħseb ukoll fl**-artikolu 1079 tal-Kodiċi Ċivili** għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien: (i) meta d-debitur ma jkollux flus biex iħallas djunu; (ii) jekk il-kundizzjoni tiegħu tinbidel b'tali mod li jqiegħed fil-periklu l-ħlas tal-kreditu; (iii) jekk b'għemilu jkun naqqas il-garanzija illi skont il-kuntratt kien ta lill-kreditur; jew (iv) jekk ma jkunx tah il-garanzija li kien wiegħdu (ara ***Giuseppe Teuma v. Paolo Ceravola*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-

30 ta' Ġunju, 1874, ***Michele Grech v. Maria Scicluna et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar, 1904 u ***Giuseppe Grech v. Tommaso Xuereb et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Mejju, 1930);

17. Il-bdil fil-qagħda tad-debitur li jwassal għall-periklu li l-kreditu ma jitħallasx irid ikun aktar minn sempliċi frott ta' dubju, suspett jew tħassib dwar is-solvibilità tad-debitur (ara ***Tommaso Azzopardi v. Paolo Micallef*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Frar, 1936 u ***J Grima & Sons Ltd. v. Anton Aġius*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2004). Biex wieħed jagħti eżempju, fis-sentenza ***Felix Borġ v. Paul Vella Muscat*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Marzu, 1967, instab li l-fatt li d-debitur tilef l-impjieg tiegħu kellu jitqies bħala raġuni serja biżżejjed li tipperikola l-ħlas lura tad-dejn;

18. Ingħad ukoll li l-fatt waħdu li l-midjun jonqos li jħallas f'waqthom l-iskadenzi ta' ħlas, b'rati li jkunu miftiehma mal-kreditur biex jaqta' d-dejn tiegħu, ma jwassalx b'daqshekk għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien maħsub fil-liġi, sakemm ċirkostanza bħal dik ma tkunx iddaħħlet espressament fil-ftehim meta jkun ingħata ż-żmien għall-ħlas lid-debitur (ara ***John Rose v. Thomas Wiliam Capel*** deċiża mill-Qorti Kummerċjali fil-11 ta' Marzu, 1865, ***Giuseppe Vassallo v. Carmelo Calleja et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April, 1913, ***Felix Borġ v. Paul Vella Muscat*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Marzu, 1957 u ***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar, 2021);

19. It-telfien tal-benefiċċju taż-żmien għandu jiġu meqjus b'ċertu reqqa u djuq għaliex dan huwa dritt tad-debitur. Kemm hu hekk, kien hemm sentenzi tal-qrati li ċaħdu talbiet ta' kredituri biex id-debituri tagħhom jitilfu l-benefiċċju taż-żmien għaliex il-ġrajja indikata minnhom bħala li kellha twassal għat-telf ta' dan il-benefiċċju, la kienet waħda minn dawk imsemmija fl-**artikolu 1079 tal-Kodiċi Ċivili** u lanqas ma kienet waħda msemmija espressament fil-kuntratt. Hekk pereżempju fis-sentenzi ***Michele Vella v. Pietro Grech*** tat-28 ta' Frar, 1871 u ***Rev. Camilleri et***

***v. Dr. Fenech et*** tat-28 ta' Ottubru, 1895, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet li għalkemm id-debituri ma ħallsux l-imgħaxijiet flimkien mal-pagamenti rateali, dan ma kellux iwassal għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien għaliex skont il-kuntratt dan il-benefiċċju kellu jintilef jekk ma jitħallsux il-pagamenti rateali u ma kienx jgħid speċifikament li dan kellu jintilef ukoll jekk ma tħallasx l-imgħax;

20. Imħaddem dan kollu għall-każ li għandna quddiemna, ma hemmx kwistjoni li bejn il-bank rikorrenti u l-konvenuti Yakovchenko kien hemm kuntratt ta' self datat 29 ta' Mejju, 2009. F'dan il-kuntratt il-partijiet qablu li l-konvenuti Yakovchenko ma kellhomx iroddu lura l-flus mislufa lilhom f'daqqa imma kellhom irodduhom lura bin-nifs, billi jwettqu 348 pagament ta' €2,338.70 fix-xahar;

22. L-istess partijiet qablu wkoll li l-konvenuti Yakovchenko kellhom jitilfu l-benefiċċju taż-żmien u li għalhekk il-bank kellu l-jedd li jitlob il-ħlas lura f'daqqa tal-bilanċ li jkun fadal, jekk ikun hemm:

> «*any failure by the Customer and/or Surety to pay any sum due whether of principal, interest, fees or charges, due by the Customer and/or Surety under the deed of loan and/or sanction letter and in the manner stipulated in the deed of loan and/or sanction letter;*»

23. Sewwasew f'dan il-każ, kif ħareġ mir-rendikont maħluf tal-bank rikorrenti u mix-xiehda tal-avukata Claudia Muscat, rappreżentanta tal-bank rikorrenti, il-konvenuti Yakovchenko naqsu milli jimxu ma' din il-kundizzjoni li jħallsu l-ammont ta' €2,338.70 fix-xahar. Biżżejjed jingħad li l-aħħar pagament regolari ta' €2,338.70 fix-xahar imwettaq mill-konvenuti Yakovchenko sar lura fl-10 ta' Mejju, 2013, jiġifieri madwar disa' snin ilu. Minn dakinhar 'il hawn, il-konvenuti Yakovchenko ma reġgħu wettqu l-ebda pagamenti rateali;

24. Il-kuraturi deputati li qegħdin jirrappreżentaw lill-konvenuti Yakovchenko f'din il-kawża ma ressqu l-ebda prova jew sottomissjoni biex imeru dak li qed jgħid il-bank rikorrenti fir-rendikont tiegħu. Barra minn hekk, il-qorti m'għandha l-ebda

raġuni quddiemha biex ma temminx dak li qed tgħid ir-rappreżentanta tal-bank rikorrenti bil-ġurament tagħha;

25. Għalhekk din il-qorti qiegħda tasal għall-fehma li dan in-nuqqas tal-konvenuti li jħallsu kull xahar minn Mejju 2013 'il hawn skont il-programm tal-pagamenti, għandha titiqies bħala ġrajja li skont it-termini tal-kuntratt tas-self għandha twassal biex il-konvenuti Yakovchenko ma jibqgħux igawdu aktar mill-benefiċċju taż-żmien;

26. L-ewwel talba tal-bank rikorrenti biex jiġi dikjarat li l-konvenuti Yakovchenko naqsu milli jżommu mal-pagamenti skont il-kuntratt u li huma għandhom jiġu ddikjarati bħala li tilfu l-benefiċċju taż-żmien, biex b'hekk il-flus misselfa lilhom għandhom jiġu mrodda lura minnufih, qiegħda għalhekk tiġi milqugħa;

27. Dwar it-**<u>tieni talba</u>** tal-bank rikorrenti, il-qorti tgħid li hija qieset ir-rendikont li ġie mehmuż mar-rikors maħluf, qieset ix-xiehda tal-avukata Claudia Muscat li tenniet dan ir-rendikont bil-ġurament tagħha quddiem il-qorti u qieset ukoll li dan ir-rendikont bl-ebda mod ma ġie kkontestat mill-kuraturi deputati li qegħdin jidhru għall-konvenuti;

28. Minn dak li setgħet tifhem il-qorti minn eżami tar-rendikont jidher li l-ammont sħiħ ta' €718,479.19 huwa maqsum hekk: (i) €448,850.13 bħala bilanċ mill-ammont misluf lilu; u (ii) €269,629.06 bħala mgħax li laħaq inġema' sat-8 ta' Awwissu, 2021. Dan l-ammont jidher li huwa mistħoqq. Għalhekk anke dawn iż-żewġ talbiet sejrin jintlaqgħu;

29. Fejn il-qorti mhux qed taqbel mal-bank rikorrenti huwa dwar minn meta għandu jibda jitlaq l-imgħax bir-rata tat-8%. Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li l-bank rikorrenti bagħat xi ittra uffiċjali lill-konvenuti Yakovchenko skont il-kuntratt tal-21 ta' Mejju, 2009, fejn fiha huwa għarrafhom li seħħet ġrajja li minħabba fiha huma tilfu l-benefiċċju taż-żmien. L-ittri uffiċjali li ntbagħtulhom mill-bank, kemm dik tal-14 ta' Frar, 2014 u kif ukoll dik tat-8 ta' Lulju, 2015, ma kinux maħsuba biex il-

konvenuti Yakovchenko jiġu mgħarrfa li huma tilfu l-benefiċċju taż-żmien. Fil-fatt, dawn kienu maħsuba biss biex il-konvenuti Yakovchenko jħallsu il-pagamenti li ma wettqux u fil-każ tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Frar, 2014, biex tikser ukoll il-preskrizzjoni;

31. F'qagħda bħal din għalhekk, fin-nuqqas ta' ittra uffiċjali mibgħuta skont il-kuntratt tal-21 ta' Mejju, 2009, il-qorti qiegħda tqis li l-konvenuti Yakovchenko għandhom jiġu meqjusa illi tilfu l-benefiċċju taż-żmien mid-data ta' din is-sentenza u li għalhekk l-imgħax bit-tmienja fil-mija fuq l-ammont li jrid jitħallas mill-konvenuti għandu jitlaq mhux mid-9 ta' Awwissu, 2021 imsemmija fit-tieni u t-tielet talbiet tal-bank rikorrenti, iżda mid-data tal-lum meta qiegħda tingħata din is-sentenza;

32. Ifisser għalhekk, li mid-9 ta' Awwissu, 2021 sal-jum qabel l-għoti ta' din is-sentenza, l-imgħax għandu bit-tħaddim tal-**artikoli 1849** u **1850 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jkompli fuq ir-rata tal-imgħax isemmija fil-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self tal-24 ta' April, 2009 li ġew mehmuża mal-kuntratt tal-21 ta' Mejju, 2009, filwaqt li mid-data tas-sentenza tal-lum sal-ġurnata tal-ħlas effettiv, l-imgħax għandu jinħadem bir-rata ta' 8%;

33. Fl-aħħar nett, il-qorti tagħlaq billi tgħid li hija qiegħda tilqa' wkoll it-**<u>tielet talba</u>** tal-bank rikorrenti u b'hekk qiegħda tawtorizza lill-bank rikorrenti biex jitlob l-esekuzzjoni tal-kreditu u tal-imgħax, kif kanonizzat b'din is-sentenza, basta però li l-bank rikorrenti jinqeda bil-mezzi msemmija fl-**artikolu 273 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jew b'xi mezz ieħor provdut bil-liġi;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tilqa’</u>** l-ewwel talba tal-bank rikorrenti u ssib li l-konvenuti Vasily u Marina Yakovchenko naqsu milli jwettqu l-pagamenti skont il-kuntratt ta’ self u għalhekk tiddikjara li huma ma jistgħux igawdu aktar mill-benefiċċju taż-żmien u kif ukoll li l-flus li huma sselfu mingħand il-bank għandhom jiġu mrodda lura minnufih;

ii. **<u>Tilqa’</u>** t-tieni talba tal-bank rikorrenti u b’hekk tiddikjara u tikkundanna lill-konvenuti Vasily u Marina Yakovchenko biex iħallsu lill-bank rikorrenti s-somma ta’ €718,479.19, b’dana iżda li l-imgħax mid-9 ta’ Awwissu, 2021 sat-8 ta’ April, 2022 għandu jitħallas bir-rata tal-imgħax imsemmija fil-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self tal-24 ta’ April, 2009 li ġew mehmuża mal-kuntratt tal-21 ta’ Mejju, 2009, filwaqt li minn għada 9 ta’ April, 2022 sal-ġurnata tal-ħlas effettiv, l-imgħax għandu jinħadem bir-rata ta’ 8%;

iii. **<u>Tilqa’</u>** t-tielet talba u tawtorizza lill-bank rikorrenti sabiex jekk irid jissokta bl-esekuzzjoni tal-kreditu u tal-imgħax skont il-mezzi msemmija fl-**artikolu 273 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** jew b’xi mezz ieħor provdut bil-liġi;

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma’ dawn il-proċeduri, jitħallsu kollha kemm huma minn Vasily u Marina Yakovchenko, magħdud magħhom l-ispejjeż marbuta mal-ittri uffiċjali tal-14 ta’ Frar, 2014 u tat-8 ta’ Lulju, 2015 u mal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li ġie ppreżentat flimkien ma’ din il-kawża.

________________________

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**

________________________

**Mary Josephine Musu**

**Deputat Reġistratur**